MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2008

Numru 230/2006

Il-Pulizija
(Spettur Alexander Grech)

vs

Carol Spalding u Vincent Moon

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 91566(M) u 330364(M) rispettivament, akkuzati talli:

1. fis-7 ta’ Marzu 2006 ghal habta ta’ xi 2:15p.m. go l-iskola Primarja ta’ Bormla, ingurjaw, heddu jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta’ Anthea Brullo, Miriam Bartolo u Carmen Mifsud persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-

servizz bi ksur tal-artikolu 95(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' l-istess Anthea Brullo, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienet qeghda tagixxi ghal-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorità kompetenti, u dan bi ksur tal-artikolu 96 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qalu fil-pubbliku kliem indicenti w oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha u dan bi ksur tal-artikoli 338 (bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbew kontra l-persuna ta' Anthea Brullo, Miriam Bartolo u Carmen Mifsud sabiex jingurjawhom, idejjqu jew jaghmlulhom hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi Carol Spalding imbottat lil imsemmija Anthea Brullo sabiex tweggaghha jew tinsulentha u dan bi ksur tal-Artikolu 339(l) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament u mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Fil-kawza l-imputati ma xehdux ghalkemm gew esebiti l-istqarrijiet taghhom li kienu rrilaxxjaw lill-Pulizija. Mill-istqarrijiet taghhom johrog wisq car li fil-gurnata u hin imsemmija fl-akkuza huma kienu marru l-iskola li jattendi binhom minuri fuq allegazzjoni tieghu li kien imsawwat mill-Assistant Head tal-iskola. Din l-allegazzjoni imkien m tibsab sorretta bi provi kontrarjament ghal fatt ben pruvat

mill-provi li l-imputati, forsi mhux fl-istess qis, irrendew ruhhom hatja tal-akkuzi kollha dedotti kontra taghhom. F’dan il-kuntest il-Qorti qeghda taghti affidabilità shiha ghax-xhieda li resqet il-prosekuzzjoni konsistenti fil-persuni tal-iskola li kienu gew ko-involuti f’dan l-incident.

Issib ghalhekk l-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba. Wara li kkunsidrat l-entità tal-incident li perse dejjem jibqa’ wiehed gravi hafna, qeghda tiddeciedi li tapplika kontra l-imputati ghal din id-darba l-Artikolu 22 tal-Kap 446 sakemm ma jikkommettux reat iehor ghall-perjodu ta’ sitt xhur mil-lum wara li rat l-Artikolu 95, 96, 338 (dd) (bb), 339 (d) (l) u 17 tal-Kap 9.

Il-Qorti fehmet lill-imputati r-responsabbiltajiet taghhom li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------